MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-20 ta' April, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1211/2003

Kevin Magri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta`
“Paolo Bonnici Limited”
vs
Raymond Fauzza

Il-Qorti,

**RIKORS:**
Rat ir-rikors ta’ Kevin Magri li bih issottometta u kkonferma bil-gurament:

Illi l-kawza fl-ismijiet premessi giet deciza fid-29 ta’ Jannar, 1997, u kopja tas-sentenza giet annessa mar-rikors u mmarkata bhala Dokument “S”.

Il-konvenut ghadu sal-lum debitur tas-socjeta` attrici, li ghalhekk ghad ghandha interess tezegwixxi l-istess decizjoni.

Illi l-kawza giet deciza aktar minn hames snin ilu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent nomine talab li in vista tal-premess, a tenur tal-artikolu 258 tal-Kapitolu 12, il-Qorti tawtorizza l-ezekuzzjoni tad-decizjoni msemmija.

Rat id-dokument prezentat mir-rikorrent.

**PROVI:**
Rat li fl-20 ta' Frar, 2004 is-socjeta` kummercjali Foscari Company Limited ipprezentat nota li biha in ottemperenza mad-digriet tal-Qorti tat-3 ta' Frar, 2004, iddikjarat li fit-8 ta' Jannar, 2004 Raymond Fauzza kien direttur fil-kumpanija Foscari Company Limited u ghandu nofs (50%) l-ishma totali ta' l-istess kumpanija.

Semghet bil-gurament lil Kevin Magri li jahdem mad-ditta Paolo Bonnici and Sons u li hu assistent tal-Managing Director li qal li mit-12 ta' Novembru 2003 'il hawn meta gie prezentat ir-rikors ma sar ebda pagament mill-intimat, u li s-sitwazzjoni ghadha l-istess u li hemm interess li jezegwixxu.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat la deher fis-seduta tat-30 ta' Marzu, 2004 u anqas fis-seduta tal-15 ta' April, 2004.

**KONKLUZJONIJIET:**
Il-fatt li giet prezentata nota tas-socjeta` kummercjali Foscari Company Limited fejn iddikjarat li fit-8 ta' Jannar, 2004 Raymond Fauzza kien direttur fil-kumpanija Foscari Company Limited u ghandu nofs (50%) l-ishma totali ta' l-istess kumpanija ma jaffettwa b'ebda mod il-posizzjoni tal-kawza odjerna. Ukoll tali nota ma gietx sostnuta la b'dokumenti u lanqas ma giet konfermata bil-gurament.

Illi ghalhekk peress li t-talba rikorrenti tidher gustifikata, il-Qorti qeghdha tawtorizza l-ezekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet "Kevin Magri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Paolo Bonnici Limited vs Raymond Fauzza" deciza fid-29 ta' Jannar 1997.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------